31987D0183

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI
tad-9 ta' Marzu 1987
dwar il-konklużjoni finali f'isem il-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika, tal-Ftehim Qafas għal koperazzjoni xjentifika u teknika bejn il-Komunitajiet Ewropej u r-Renju ta' l-Iżvezja, il-Konfederazzjoni Żvizzera, ir-Repubblika tal-Finlandja, ir-Renju tan-Norveġja u r-Repubblika ta' l-Awstrija

(87/183/Euratom)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi il-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika, u partikolarment it-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 101 miġjub fih,

Billi l-*Ftehim Qafas*għal koperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u r-Renju ta' l-Isvizzera [1], il-Konfederazzjoni Svizzera [2], ir-Repubblika tal-Finlandja [3], ir-Renju tan-Norveġja [4] u r-Repubblika ta' l-Awstrija [5] ġew iffirmati fit-13 ta' Jannar 1986, fit-8 ta' Jannar 1986, fid-29 ta' April 1986, fis-27 ta' Ġunju 1986 u fil-15 ta' Lulju 1986, rispettivament;

Billi bid-Deċiżjoni tad-9 ta' Frar 1987, il-Kunsill approva dawk il-*Ftehim Qafas*għall-għanijiet ta' konklużjoni finali mill-Kummissjoni f'isem il-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika;

Billi dawk il-*Ftehim Qafas* għandhom jiġu konklużi finalment f'isem il-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-*Ftehim Qafas* għal koperazzjoni xjentifika u teknika bejn il-Komunitajiet Ewropej u r-Renju ta' l-Isvezja, il-Konfederazzjoni Svizzera, ir-Repubblika tal-Finlandja, ir-Renju tan-Norveġja u r-Repubblika ta' l-Awstrija huma hawnhekk konklużi f'isem il-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika.

Artikolu 2

Il-President tal-Kummissjoni għandha tagħti n-notifika provvduta fl-Artikolu 13 tal-Ftehim f'isem il-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika.

Magħmul fi Brussell, fid-9 ta' Marzu 1987

Għall-Kummissjoni

Karl-Heinz NARJES

Viċi-President

---

(1) ĠU L 313, tat-22 11. 1985, p. 1.
(2) ĠU L 313, tat-22 11. 1985, p. 5.
(3) ĠU L 78, ta' l-24.3.1986, p. 23.
(4) ĠU L 78, ta' l-24.3.1986, p. 26.
(5) ĠU L 216, tal-5.8.1986, p. 7.